MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 12/2010

**Salvina Francalanza**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta’ Mejju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali datata 20 ta' Mejju 2009.
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 6 ta' Marzu 2009.
>
> Ra l-ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur datata 7 ta' Mejju 2010 flimkien mad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra r-rapport ta’ l-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fl-20 ta' Mejju 2009, id-Direttur tas-Sigurta` Socjali ddecieda illi l-appellanti ma kenitx aktar intitolata ghall-Ghajnuna ghall-Qaghad peress illi ma kienx sodisfatt li l-appellanti ma kenitx qed tahdem.

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fis-6 ta' Marzu 2009, id-Direttur tas-Sigurta` Socjali ddecieda illi l-appellanti kienet thallset zejjed l-ammont ta' €6,101.10 fl-Ghajnuna ghal Disimpieg li hija kienet irceviet mid-Dipartiment ghall-perjodu bejn 24.02.07 sa 20.02.09 u dan wara li sar investigazzjoni.

Peress illi jirrizulta b'mod car mir-rapport ta’ l-Ispetturi tal-Frodi u Investigazzjonijiet illi l-appellanti kienet qed tahdem fil-perjodu in kwistjoni, d-decizjonijiet tad-Direttur ittiehdu skond il-ligi u jimmeritaw konferma.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjonijiet appellati qed jigu kkonfermati.”

Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali appella minn din is-sentenza biex jitlob ir-riforma taghha. Dan fis-sens illi l-ammont li l-appellata kienet tenuta tirrimborsa lura kellu jkun €9573.57 u mhux €6101.10 kif deciz;

L-*iter* li wassal ghad-decizjoni ta’ l-Arbitru kien fit-termini infraskritti:-

1. Skond ir-rapport investigattiv tad-Direttur tal-Frodi datat 23 ta’ Frar, 2009 instab li l-appellata kienet qeghda tahdem filwaqt li kienet qeghda tircievi l-ghajnuna ghall-Qghad;

2. B’ittra tal-5 ta’ Marzu 2009 id-Direttur iddecieda li jwaqqfilha din l-assistenza, u b’ittra sussegwenti tas-6 ta’ Marzu, 2009 talabha r-rifuzjoni tas-somma €6101.10 li skond hu kienet thallset zejjed lill-appellata ghall-perijodu mill-24 ta’ Frar 2007 sat-28 ta’ Frar 2009. Jigi notat li dawn l-ittri kienu indirizzati lil Salvina Zammit;

3. B’ittra ohra tal-20 ta’ Mejju 2009 d-Direttur rega’ informa lill-appellata illi ma kienetx aktar intitolata ghall-ghajnuna *de qua* u skond Nota spjegattiva avzaha li l-*overpayment* li sarilha kien jittotalizza €9573.57;

4. L-appellata ressqet zewg gravami lill-Arbitru b’ittra tat-28 ta’ Mejju 2009, biex tikkontesta sew id-decizjoni ghall-waqfien tal-ghajnuna kif ukoll it-talba ghar-radd lura tas-somma indikata;

5. Fir-risposta tieghu ghal dak l-appell id-Direttur talab aggustament ta’ l-ammont ta’ €6101.10 biex dan jigi jirrifletti s-somma preciza ta’ *overpayment* li kien effettwat (€9573.57);

6. Is-sentenza ta’ l-Arbitru, issa appellata, taghmel referenza ghall-ittra tad-Direttur tas-6 ta’ Marzu 2009 u kkonferma li l-ammont imhallas zejjed kien €6101.10;

Huwa evidenti minn dan il-perkors illi l-Arbitru ma segwietx kif kellu jkun l-atti l-ohra fl-inkartament, senjatament l-ittra tad-Direttur tal-20 ta’ Mejju 2009, il-gravam lill-istess Arbitru mill-apellata, ir-risposta tad-Direttur ghal dan l-istess gravam, ghaliex kieku ghamlet dan kienet tintebah illi s-somma reklamata *b’overpayment* kienet €9573.57. Opportunament ghandu jigi rilevat illi lanqas din is-somma ma hi ghal kollox preciza in kwantu

titwila sparodika lin-Nota spjegattiva tad-Direttur ghandha turi li l-*outstanding amount* kien €9501.69, gjaladarba kif mill-istess Nota indikat l-appellata kienet ghamlet *repayment* ta’ €71.88. Gjaladarba dik is-somma ma tidherx ikkontestata, anke ghaliex l-appellata ma introduciet l-ebda appell lil din il-Qorti mid-decizjoni ta’ l-Arbitru, hija proprju dik, skond kif hawnhekk stabbilit, li l-appellata ghandha tirrimborsa lura lid-Direttur appellanti.

Ghal motivi suesposti l-Qorti tilqa’ l-appell limitatament fis-sens li qed tvarja s-sentenza appellata, u konsegwentement tiddeciedi li l-ammont li ghandu jigi ripetut mill-appellata lid-Direttur appellanti hu disat elef hames mija u wiehed euro u tmienja u sittin centezmu (€9501.68). L-ispejjez relattivi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------